**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**21 ta' Ġunju 2026**

# Deħlin fil-qalba tal-festa tal-għeżież patruni tagħna San Pietru u San Pawl

Il-Ħamis ħriġna l-istatwa devota tagħhom min-niċċa u qegħedniehom f'nofsna bejn il-kolonni tal-Bażilika tagħna, sewwasew biex niftakru li huma bl-eżempju tal-ħajja tagħhom kienu bħal kolonni li żammew il-Knisja wieqfa qalb it-tiġrib kollu ta' żmienhom.

Ejjew mela f'dawn il-jiem ta' festa, inħarsu lejhom u nħalluhom jgħallmuna kif nibqgħu weqfin u sodi bħalhom qalb l-inkwiet tal-ħajja tagħna. Ejjew nindunaw li biex jirnexxilna nkunu bħalhom, irridu nżommu iktar kuntatt ma' Alla permezz ta' kull Quddiesa li ninġabru għaliha.

Hekk biss nistgħu nagħtuh ċans lil Alla biex ikellimna, iqawwina u jmexxina fl-għażliet tagħna ta' kuljum; l-istess bħalma għamel fil-ħajja ta' Pietru u Pawlu, biex minn żewġt irġiel komuni mimlija difetti, saru mexxejja kapaċi u ta' qdusija mill-isbaħ, li bil-kelma u l-azzjoni tagħhom saħħew u għaqqdu flimkien eluf ta' nies fil-Knisja. Żgur li bi ftit minn tagħhom aħna wkoll nistgħu nagħmlu differenza kbira fil-familji tagħna, fuq ix-xogħol, mal-ħbieb... kull fejn inkunu.

- Fuq dan il-ħsieb, nhar it-Tnejn ser **nilqgħu lin-Nadurin kollha** li hawn mifruxa mal-gżejjer Maltin u wara l-Quddiesa tan-Novena ser tittella' produzzjoni reliġjuża li tgħinna nitwaħħdu aktar ma' dawn iż-żewġ persunaġġi kbar biex neħduhom magħna u nqegħduhom f'niċċa ġdida ġewwa qalbna, minn fejn idawluna u jressquna lejn Ġesù, li hu l-għajn ta' kull ġid fil-ħajja tagħna.
- Wara li fraħna ma' **Mons. Joseph Grech** issa ser nifirħu wkoll mal-**Kan. Joe Cardona**, li nhar it-Tlieta ser jiċċelebra il-25 anniversarju saċerdotali tiegħu.
- L-Erbgħa se **jinġabru t-tfal kollha** f'Quddiesa ddedikata lilhom u minn fosthom se nilqgħu **7 abbatini ġodda** li ser jingħaqdu mal-grupp sabiħ li għandna fil-parroċċa tagħna.
- Il-Ħamis nibdew il-jiem tat-Tridu bil-prietki mill-Kan. Prof. Jonathan Farrugia, u f'dan l-ewwel jum ser nifirħu ma' **Mons. Salv Muscat** fis-60 anniversarju saċerdotali tiegħu.
- Il-Ġimgħa fl-anniversarju tal-Bażilika ser niftakru u nitolbu għall-**voluntiera kollha** li kontinwament jgħinu biex il-Knisja tagħna tibqa' tirrifletti s-sbuħija tas-sema.
- Is-Sibt filgħodu ser nilqgħu lill-**anzjani u l-morda** għall-Quddiesa speċjali għalihom fl-10.00am u filgħaxija ser nilqgħu lill-**emigranti** li ġew fostna għall-festa.
- Il-Ħadd imbagħad nidħlu fis-solennità tal-festa liturġika ta' San Pietru u San Pawl.

Ejjew ngħożżu dawn il-jiem bħala okkażjonijiet li fihom niġġeddu fl-imħabba tagħna lejn Alla u lejn xulxin kif għallmuna Pietru u Pawlu. Għax mingħajr din l-imħabba bejnietna u ma' Alla, ħajjitna titlef is-sens u s-sbuħija kollha tagħha.

### Biċċa xogħol urġenti għall-ħarsien tal-knisja tagħna



Wara li kxifna r-restawr estensiv li sar fis-saqaf tal-kor, kemm tal-pasta u l-induratura u kif ukoll tal-pittura, stajna ntellgħu lura f'postu t-tużell tal-festa wara xogħol kbir ta' konservazzjoni li sar fuqu. Kif ġa tafu, il-ħidma ta' restawr u konservazzjoni fil-knisja ser ikollha tibqa' għaddejja fuq is-saqaf tal-knisja, issa jmiss il-kappellun tas-Sagrament.

Però qabel inkomplu b'dan ir-restawr, sar assolutament neċessarju li f'dan is-sajf jinbidel il-membrane tal-bejt tal-knisja. F'dawn l-aħħar snin sarulu diversi interventi ta' manutenzjoni biex ma jibqax ikun hemm infiltrazzjonijiet tal-ilma. Però skont il-fehma ta' kulħadd dan m'għadux aktar sostenibbli u wara diversi konsultazzjonijiet individwajna l-aħjar prodott ta' liquid membrane li jista' jiġi applikat fuq il-bejt tal-knisja tagħna. L-ispiża se tkun ta' madwar €30,000 u mill-ġdid qed induru fuqkom għall-għajnuna. Ċerti li nsibukom magħna anki għal dan il-proġett li ma nistgħux nibqgħu iktar mingħajru, u sabiex ix-xogħol kollu tar-restawr li għamilna ma jkunx sar għalxejn.

### Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am